Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT (UE) 2015/755 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tad-29 ta' April 2015

dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi

(tfassil mill-ġdid)

(ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/749 tal-24 ta' Frar 2017	L 113	11	29.4.2017

▼B

REGOLAMENT (UE) 2015/755 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tad-29 ta' April 2015

dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi

(tfassil mill-ġdid)

KAPITOLU I

PRINĊIPJI ĠENERALI

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament japplika għall-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi terzi msemmija fl-Anness I, ħlief għal xi prodotti tat-tessuti koperti bir-Regolament (KE) Nru 517/94.

2. Importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isseħħu bla xkiel u għalhekk m'għandhom ikunu soġġetti għall-ebda restrizzjoni kwantitattiva, mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' salvagwardja li jistgħu jittieħdu taħt il-Kapitolu V.

KAPITOLU II

PROĊEDURA TA' INFORMAZZJONI U KONSULTAZZJONI TAL-UNJONI

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tkun informata mill-Istati Membri jekk xejriet fl-importazzjonijiet jidhru li jitolbu għal miżuri ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-provi disponibbli fuq il-bażi ta' kriterji mniżżlin fl-Artikolu 6. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lill-Istati Membri kollha mingħajr dewmien.

KAPITOLU III

PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI TAL-UNJONI

Artikolu 3

1. Fejn ikun jidher lill-Kummissjoni li hemm evidenza suffiċjenti li tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tibda investigazzjoni fi żmien xahar mid-data meta tirċievi l-informazzjoni mingħand Stat Membru u tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dak l-avviż għandu:

(a) tagħti sunt tal-informazzjoni riċevuta, u titlob li l-informazzjoni rilevanti kollha għandha tkun ikkomunikata lill-Kummissjoni;

(b) tiddikjara l-perjodu li fih il-partijiet interessati jkunu jistgħu jgħarrfu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jissottomettu informazzjoni, jekk dawn il-fehmiet u l-informazzjoni għandhom jitqiesu matul l-investigazzjoni;

▼B

(c) tiddikjara l-perjodu li fih il-partijiet interessati jkunu jistgħu japplikaw biex jiġu mismugħin verbalment mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4.

Il-Kummissjoni għandha tibda l-investigazzjoni, waqt li taġixxi f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha tagħti l-informazzjoni lill-Istati Membri li tikkonċerna l-analiżi tagħha tal-informazzjoni normalment fi żmien 21 jum mid-data li fiha l-informazzjoni tkun ingħatat lill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tfittex kull informazzjoni li jidhrilha li hi meħtieġa u, fejn tqis li jkun xieraq, hija għandha tagħmel ħilitha biex tivverifika dik l-informazzjoni mal-importaturi, il-kummerċjanti, l-aġenti, il-produtturi, l-assoċjazzjonijiet kummerċjali u l-organizzazzjonijiet.

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita f'din il-ħidma minn persunal tal-Istati Membri li fuq it-territorju tagħhom ikunu qed jitwettqu dawk il-verifiki, jekk dak l-Istat Membru jkun jixtieq hekk.

Partijiet interessati li jkunu għamlu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom skont l-ewwel sub-paragrafu tal-paragrafu 1, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur, jistgħu jispezzjonaw l-informazzjoni kollha pprovduta għad-disposizzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-investigazzjoni, kif distinta minn dokumenti interni ppreparati mill-awtoritajiet tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha sakemm tkun rilevanti għad-difiża tal-interessi tagħhom u mhux kunfidenzjali fit-tifsira tal-Artikolu 5 u li tkun użata mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni. Għal dak il-għan, huma għandhom jindirizzaw talba bil-miktub lill-Kummissjoni li tindika l-informazzjoni meħtieġa.

3. L-Istati Membri għandhom jissupplixxu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha u wara proċeduri preskritti minnha, bl-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom dwar żviluppi fis-suq tal-prodott li jkun qed jiġi investigat.

4. Il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati. It-tali partijiet għandhom ikunu mismugħin fejn ikunu applikaw bil-miktub fil-perjodu stabbilit fin-notifika ippublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, billi juru li huma attwalment x'aktarx ser ikunu affettwati mill-eżitu tal-investigazzjonijiet u li hemm raġunijiet partikolari għalihom li jiġu mismugħin verbalment.

5. Meta informazzjoni ma tkunx ipprovduta fil-limiti ta' żmien stabbiliti minn dan ir-Regolament jew mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, jew l-investigazzjoni hija b'mod sinifikanti mxekkla, l-eżitu tal-istħarriġ jista' jkun ibbażat fuq il-fatti disponibbli. Meta il-Kummissjoni ssib li kwalunkwe parti interessata jew terza persuna tkun fornietha b'informazzjoni falza jew qarrieqa, hija għandha tinjora dik l-informazzjoni u tista' tagħmel użu mill-fatti disponibbli.

6. Fejn jidher lill-Kummissjoni li ma hemmx biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-investigazzjoni, hija għandha tinforma lill-Istati Membri bid-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar mid-data meta tirċievi l-informazzjoni mill-Istati Membri.

▼B

Artikolu 4

1. Fi tmiem l-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar ir-riżultat lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 22(1) ("il-Kumitat").

2. Fejn il-Kummissjoni tqis, fi żmien disa' xhur mill-bidu tal-investigazzjoni, li ma hemm bżonn tal-ebda miżura ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja tal-Unjoni, l-investigazzjoni għandha tintemm fi żmien xahar. Il-Kummissjoni għandha ttemm l-investigazzjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2). Deċiżjoni li ttemm l-investigazzjoni, waqt li tiddikjara l-konklużjonijiet ewlenin tal-investigazzjoni u sunt tar-raġunijiet għal dan, għandha tkun pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li miżuri ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja tal-Unjoni huma neċessarji, hija għandha tieħu d-deċiżjonijiet neċessarji skont il-Kapitoli IV u V, mhux aktar tard minn disa' xhur mill-bidu tal-investigazzjoni. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż b'perjodu massimu ieħor ta' xahrejn. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tippubblika avviż f*il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li tipprovdi fiha t-tul ta' żmien tal-estensjoni u sunt tar-raġuniijiet għal dan.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu m'għandhomx jipprekludu t-teħid, f'kull żmien, ta' miżuri ta' sorveljanza skont l-Artikolu 7 sa 12 jew, f'sitwazzjoni kritika, fejn kull dewmien jista' jikkawża dannu li jkun diffiċli biex jiġi rimedjat, jirrikjedi intervent immedjat, b'miżuri ta' salvagwardja skont l-Artikolu 13, 14 u 15.

Il-Kummissjoni għandha minnufih tieħu l-miżuri ta' investigazzjoni li tikkunsidra li għadhom meħtieġa. Ir-riżultati tal-investigazzjoni għandhom ikunu użati biex isir eżami mill-ġdid tal-miżuri meħuda.

Artikolu 5

1. Informazzjoni riċevuta skont dan ir-Regolament għandha tkun użata biss għall-għan li għalih tkun saret it-talba.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, inkluż l-uffiċjali tagħhom it-tnejn, ma għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni ta' natura kunfidenzjali li tkun waslitilhom skont dan ir-Regolament, jew l-ebda informazzjoni pprovduta fuq bażi kunfidenzjali, mingħajr permess speċifiku mill-fornitur ta' informazzjoni bħal din.

3. Kull talba għall-kunfidenzjalità għandha tiddikjara r-raġunijiet li għalihom l-informazzjoni hi kunfidenzjali.

Madankolu, jekk jidher li talba għal kunfidenzjalità m'hijiex ġustifikata u jekk il-fornitur tal-informazzjoni la jixtieq li jagħmilha pubblika lanqas li jawtorizza l-iżvelar b'mod ġenerali jew fil-forma ta' sunt, l-informazzjoni kkonċernata tista' titwarrab.

▼B

4. L-informazzjoni għandha tkun f'kull każ ikkunsidrata bħala kunfidenzjali jekk l-iżvelar tagħha x'aktarx ikollu effett ħażin sinifikanti fuq il-fornitur jew fuq is-sors ta' din l-informazzjoni.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 m'għandhomx jipprekludu referenza mill-awtoritajiet tal-Unjoni għal informazzjoni ġenerali u partikolarment għal raġunijiet li fuqhom huma ibbażati deċiżjonijiet meħuda b'mod konformi ma' dan ir-Regolament. Dawn l-awtoritajiet għandhom, iżda, iqisu l-interessi leġittimi tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi konċernati li s-sigrieti kummerċjali tagħhom m'għandhomx ikunu żvelati.

Artikolu 6

1. L-eżami tax-xejra fl-importazzjonijiet, tal-kondizzjonijiet li fihom iseħħu u tal-ħsara serja jew theddida ta' ħsara serja lill-produtturi tal-Unjoni li jirriżultaw mit-tali importazzjonijiet, għandu jkopri partikolarment il-fatturi li ġejjin:

(a) il-volum tal-importazzjonijiet, partikolarment fejn kien hemm żieda sinifikanti, skont termini assoluti jew relatati ma' produzzjoni jew konsum fil-Unjoni;

(b) il-prezz tal-importazzjonijiet, partikolarment fejn kien hemm bejgħ bi prezz sostanzjalment aktar baxx kif mqabbel mal-prezz ta' prodott simili fl-Unjoni;

(c) l-impatt konsegwenti fuq il-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew direttament kompetittivi kif indikat mix-xejriet f'ċerti fatturi ekonomiċi bħal:

— produzzjoni,

— utilizzazzjoni tal-kapaċità,

— ħażniet,

— bejgħ,

— sehem fis-suq,

— prezzijiet (jiġifieri waqgħa fil-prezzijiet jew prevenzjoni ta' żidiet fil-prezzijiet li setgħu normalment seħħew),

— profitti,

— redditu fuq kapital użat,

— ċirkolazzjoni ta' flus kontanti,

— impjiegi.

2. Waqt li qed tmexxi l-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis is-sistema ekonomika partikolari tal-pajjiżi msemmija fl-Anness I.

3. Meta theddida ta' dannu serju hija allegata, il-Kummissjoni għandha wkoll teżamina jekk hux prevedibbli li sitwazzjoni partikolari x'aktarx tiżviluppa f'dannu attwali. F'dan ir-rigward għandhom jitqiesu fatturi bħal:

▼B

(a) ir-rata ta' żieda tal-merkanzija esportata lejn l-Unjoni;

(b) il-kapaċità ta' esportazzjoni fil-pajjiż ta' origini jew esportazzjoni, li hi diġa eżistenti jew li ser tkun operattiva fil-futur qrib u l-probabbiltà li l-esportazzjoni li tirriżulta tkun lejn l-Unjoni.

KAPITOLU IV

SORVELJANZA

Artikolu 7

1. Meta l-interessi tal-Komunità hekk jeħtieġu, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess:

(a) tiddeċiedi li tintroduċi sorveljanza retrospettiva tal-Unjoni dwar ċerti importazzjonijiet, skont il-proċedura stabbilita mill-Kummissjoni;

(b) tiddeċiedi, għall-għanijiet ta' monitoraġġ tax-xejra ta' dawn l-importazzjonijiet, biex tagħmel ċerti importazzjonijiet soġġetti għal sorveljanza preċedenti mill-Unjoni, skont l-Artikolu 8.

2. Id-deċiżjonijiet adottati skont il-paragrafu 1 għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2).

3. Il-miżuri ta' sorveljanza għandu jkollhom perjodu limitat ta' validità. Sakemm mhux stipulat mod ieħor, dawn għandhom jieqfu milli jkunu validi fit-tmiem tat-tieni perjodu ta' sitt xhur wara s-sitt xhur li fihom il-miżuri ġew introdotti.

Artikolu 8

1. Il-prodotti li kienu taħt is-sorveljanza preċedenti tal-Unjoni jistgħu jiddaħħlu f'ċirkolazzjoni ħielsa biss meta jiġi prodott dokument ta' sorveljanza. Dak id-dokument għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti nnominata mill-Istati Membri, mingħajr ebda ħlas, għal kull kwantità mitluba u fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem tax-xogħol wara li l-awtorità kompetenti nazzjonali tirċievi l-applikazzjoni minn kwalunkwe importatur tal-Unjoni, irrespettivament mill-post tan-negozju tiegħu fl-Unjoni. Dik l-applikazzjoni titqies li tkun wasslet għand l-awtorità nazzjonali kompetenti mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn meta tkun preżentata, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

2. Id-dokument ta' sorveljanza għandu jkun magħmul fuq formola li tikkorrispondi għall-mudell fl-Anness II.

Ħlief fejn id-deċiżjoni li tiġi imposta sorveljanza ma tipprovdix il-kuntrarju, l-applikazzjoni tal-importatur għal dokument ta' sorveljanza għandha tinkludi li ġej:

(a) l-isem sħiħ u l-indirizz tal-applikant (inkluż in-numri tat-telefon u tal-fax u kull numru ieħor li jidentifika l-applikant mal-awtorità nazzjonali kompetenti), kif ukoll in-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT tal-applikant jekk hu obbligat li jħallas il-VAT;

(b) fejn hu xieraq, l-isem sħiħ u l-indirizz ta' min jagħmel id-dikjarazzjoni jew ta' xi rappreżentant maħtur mill-applikant (inkluż in-numri tat-telefon u tal-fax);

▼B

(c) deskrizzjoni tal-merkanzija li tagħti:

— l-isem tal-kummerċ tagħhom,

— il-kodiċi ta' nomenklatura maqgħuda tagħhom,

— il-post ta' oriġini tagħhom u l-post tal-konsenja tagħhom;

(d) il-kwantità ddikjarata, f'kilogrammi u, fejn xieraq, kull unità addizzjonali oħra (pari, oġġetti, eċċ.);

(e) il-valur tal-merkanzija, CIF mal-fruntiera tal-Unjoni, f'euro;

(f) id-dikjarazzjoni li ġejja, datata u ffirmata mill-applikant, bl-isem tal-applikant imniżżel b'ittri kbar:

"Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni hija vera u mogħtija in bona fide, u li jiena stabbilit fl-Unjoni."

3. Id-dokument ta' sorveljanza għandu jkun validu għall-Unjoni kollha, irrespettivament minn liema Stat Membru jkun ħareġ.

4. Jekk jinstab li l-prezz tal-unità li bih tranżazzjoni tkun effettwata jeċċedi dak indikat fid-dokument ta' sorveljanza b'inqas minn 5 %, jew li l-valur totali jew il-kwantità tal-prodotti preżenti għall-importazzjonijiet jeċċedu l-valur jew kwantità mogħtija fid-dokument ta' sorveljanza b'inqas minn 5 %, dan m'għandux jipprekludi r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodott partikolari. Il-Kummissjoni, wara li tkun semgħet l-opinjoni espressa fil-Kumitat u wara li tkun qieset in-natura tal-prodotti u fatturi speċjali oħra tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati, tista' tiffissa persentaġġ differenti, li, madankollu, m'għandux normalment jeċċedi l-10 %.

5. Dokumenti ta' sorveljanza jistgħu jintużaw biss għaż-żmien li fih arranġamenti għal-liberalizzazzjoni ta' importazzjonijiet jibqgħu fis-seħħ għat-tranżazzjonijiet konċernati. Tali dokumenti ta' sorveljanza ma jistgħu fl-ebda okkażjoni jkunu użati lil hinn minn meta jagħlaq iż-żmien tal-perjodu li għandu jitniżżel fl-istess żmien u permezz tal-istess proċedura tal-impożizzjoni ta' sorveljanza, u għandhom iqisu n-natura tal-prodotti u fatturi speċjali oħra tat-tranżazzjonijiet.

6. Meta deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 7 hekk teħtieġ, l-oriġini ta' prodotti taħt sorveljanza tal-Unjoni għandhom jiġu ppruvati b'ċertifikat ta' oriġini. Dan il-paragrafu m'għandux jippreġudika dispożizzjonijiet oħrajn li jirrigwardaw il-produzzjoni tat-tali ċertifikat.

7. Meta l-prodott taħt sorveljanza preċedenti tal-Unjoni hu suġġett għall-miżuri ta' salvagwardja reġjonali f'xi Stat Membru, l-awtorizzazzjoni ta' importazzjonijiet mogħtija minn dak l-Istat Membru tista' tissostitiwixxi d-dokument ta' sorveljanza.

8. Il-formoli tad-dokument ta' sorveljanza u l-estratti tiegħu għandhom jimtlew darbtejn, kopja waħda, immarkata "Kopja tad-detentur" u li ġġib in-numru 1, li għandha tinħareġ lill-applikant, u l-oħra, "Kopja għall-awtorità kompetenti" u li ġġib in-numru 2, trid tinżamm mill-awtorità li toħroġ id-dokument. Għal għanijiet amministrattivi, l-awtorità kompetenti tista' żżid kopji supplimentari mal-formula 2.

▼B

9. Il-formoli għandhom jkunu stampati fuq karta bajda li m'għandhiex ikollha polpa mekkanika, u li tkun maħsuba għall-kitba u li tkun tiżen bejn 55 u 65 grammi kull metru kwadru. Il-qies tagħhom għandu jkun ta' 210 × 297 mm. It-tip ta' spazju bejn il-linji għandu jkun 4,24 mm (wieħed minn sitta ta' pulzier). Dak li hu mniżżel fil-formoli għandu jiġi segwit b'mod preċiż. Iż-żewġ naħat tal-kopja Nru 1, li hu d-dokument ta' sorveljanza nnifsu, għandu jkollhom ukoll sfond ta' disinn arabesk isfar stampat sabiex jiżvela kull falsifikazzjoni b' mezzi mekkaniċi jew kimiċi.

10. L-Istati Membri huma responsabbli għall-istampar tal-formoli. Il-formoli jistgħu wkoll jiġu stampati minn stampaturi maħtura mill-Istat Membru fejn huma stabbiliti. F'dan l-aħħar każ, għandha tidher referenza għall-ħatra mill-Istat Membru fuq kull formola. Kull formola għandu jkollha indikazzjoni tal-isem u l-indirizz tal-istampatur jew marka li tidentifika l-istampatur.

Artikolu 9

Meta l-interessi tal-Unjoni hekk jeħtieġu, il-Kummissjoni tista', fuq it-talba ta' xi Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, jekk is-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(1) x'aktarx tinħoloq:

— tillimita l-perjodu ta' validità ta' kull dokument ta' sorveljanza meħtieġ,

— il-ħruġ ta' dak id-dokument għandu jkun soġġett għal ċerti kundizzjonijiet u, bħala miżura eċċezzjonali, soġġett għall-inklużjoni ta' klawżola dwar it-tħassir.

Artikolu 10

Fejn l-importazzjoni ta' prodott ma tkunx ġiet soġġetta għal sorveljanza minn qabel tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tintroduċi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2) u f'konformità mal-Artikolu 15, sorveljanza ristretta għall-importazzjonijiet f'reġjun wieħed tal-Unjoni jew iktar.

Artikolu 11

1. Prodotti taħt sorveljanza reġjonali jistgħu jitpoġġew f'ċirkolazzjoni ħielsa fir-reġjun ikkonċernat biss ladarba jiġi prodott dokument ta' sorveljanza. Tali dokument għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat(i) Membru/i konċernat(i), mingħajr ħlas, għal kull kwantità mitluba u fi żmien mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta l-awtorità kompetenti nazzjonali tirċievi applikazzjoni minn xi impurtatur tal-Unjoni, irrispettivament mill-post tan-negozju tiegħu fl-Unjoni. Dik l-applikazzjoni għandha titqies li tkun waslet għand l-awtorità nazzjonali kompetenti mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol wara s-sottomissjoni, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju. Id-dokumenti ta' sorveljanza jistgħu jintużaw biss sakemm l-arranġamenti għal-liberalizzazzjoni ta' importazzjoni jibqgħu fis-seħħ fil-każ tat-tranżazzjonijiet konċernati.

2. L-Artikolu 8(2) għandu japplika.

▼B

Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni fi żmien l-ewwel għaxart ijiem ta' kull xahar fil-każ ta' sorveljanza tal-Unjoni jew reġjonali:

(a) fil-każ ta' sorveljanza preċedenti, dettalji tas-somom ta' flus (kalkulati fuq il-bażi ta' prezzijiet CIF) u kwantitajiet ta' merkanzija li dwarhom nħarġu dokumenti ta' sorveljanza matul il-perjodu preċedenti;

(b) f'kull każ, dettalji ta' importazzjonijiet matul il-perjodu qabel il-perjodu msemmi fil-punt (a).

L-informazzjoni fornuta mill-Istati Membri għandha tiġi analizzata skont il-prodott u l-pajjiż.

Dispożizzjonijiet differenti jistgħu jitniżżlu fl-istess żmien u bl-istess proċedura bħal tal-arranġamenti ta' sorveljanza.

2. Meta n-natura tal-prodott jew ċirkostanzi speċjali hekk jirrikjedu, il-Kummisjoni tista', fuq talba ta' xi Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha temenda l-iskedi biex tiġi sottomessa din l-informazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri.

KAPITOLU V

MIŻURI TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 13

1. Meta prodott huwa importat fl-Unjoni fi kwantitajiet sostanzjalment miżjuda jew skont termini jew kundizzjonijiet tali li jikkawża, jew jhedded li jikkawża, dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament, il-Kummissjoni, sabiex tħares l-interessi tal-Unjoni, tista', filwaqt li taġixxi fuq talba ta' xi Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tibdel ir-regoli tal-importazzjoni għal dak il-prodott billi tipprovdi li dan ikun jista' jitqiegħed f'ċirkolazzjoni ħielsa biss fuq preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni, li l-għoti tagħha għandu jkun irregolat b'dawk id-dispożizzjonijiet u soġġett għal tali limiti kif il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi.

2. Il-miżuri adottati għandhom ikunu komunikati minnufih lill-Istati Membri, u għandhom jidħlu fis-seħħ immedjatament.

3. Il-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal kull prodott li jiġi mqiegħed f'ċirkolazzjoni ħielsa wara d-dħul tagħhom fis-seħħ. Skont l-Artikolu 15 huma għandhom jgħoddu għal reġjun wieħed jew aktar tal-Unjoni.

Madankollu, miżuri bħal dawn m'għandhomx jipprevjenu r-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti li jkunu diġa fi triqithom lejn l-Unjoni sakemm id-destinazzjoni ta' tali prodotti ma tistax tiġi mibdula u li dawk il-prodotti li, taħt l-Artikolu 8 u 11, jistgħu jitqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa biss fuq preżentazzjoni ta' dokument ta' sorveljanza huma fil-fatt akkumpanjati minn dokument bħal dan.

▼B

4. Fejn l-intervent mill-Kummissjoni jintalab minn Stat Membru, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3), jew, f'każijiet ta' urġenza, skont l-Artikolu 22(4), għandha tieħu deċiżjoni f'perjodu ta' żmien ta' mhux aktar minn ħamest ijiem tax-xogħol mid-data meta tirċievi talba bħal din.

Artikolu 14

1. Il-Kummissjoni tista', b'mod partikolari fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(1) tadotta l-miżuri ta' salvagwardja xierqa filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

2. L-Artikolu 13(3) għandu japplika.

Artikolu 15

Meta partikolarment abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 6, joħroġ li l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-adozzjoni ta' miżuri taħt il-Kapitolu IV u l-Artikolu 13 huma sodisfatti f'xi reġjun wieħed jew aktar tal-Unjoni, il-Kummissjoni, wara li tkun eżaminat soluzzjonijiet alternattivi, tista' eċċezzjonalment tawtorizza l-applikazzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja limitati għar-reġjun(i) konċernat(i) jekk hi tikkunsidra li t-tali miżuri applikati f'dak il-livell huma aktar xierqa minn miżuri applikati mal-Unjoni kollha.

Dawk il-miżuri għandhom ikunu temporanji u għandhom ixekklu l-operazzjoni tas-suq intern mill-inqas possibbli.

Dawk il-miżuri għandhom ikunu adottati skont il-proċeduri mniżżla fl-Artikolu 7 u 13 rispettivament.

Artikolu 16

1. Filwaqt li tkun fis-seħħ kwalunkwe miżura ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja applikata f'konformità mal-Kapitoli IV u V, il-Kummissjoni tista', jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess:

(a) teżamina l-effetti tal-miżura;

(b) taċċerta jekk l-applikazzjoni tal-miżura għadhiex neċessarja.

Fejn il-Kummissjoni tqis li l-applikazzjoni ta' miżura tkun għadha meħtieġa hija għandha tinforma lill-Istati Membri dwar dan.

2. Fejn il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe miżura ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja msemmija fil-Kapitoli IV u V għandha titħassar jew tiġi emendata, hija għandha, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(3), tħassar jew temenda l-miżura.

Meta tali deċiżjoni tikkonċerna miżuri reġjonali ta' sorveljanza, hi għandha tapplika mis-sitt jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 17

1. Dan ir-Regolament m'għandux jipprekludi t-twettiq ta' obbligazzjonijiet li joħorġu minn regoli speċjali li jkunu jinsabu fi ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

2. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni, dan ir-Regolament m'għandux jipprekludi l-adozzjoni jew l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta':

(a) projbizzjonijiet, restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri ta' sorveljanza fuq bażi ta' moralità pubblika, ordni pubblika jew sigurtà pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja ta' persuni, annimali jew pjanti, il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali li għandhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku, jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali;

(b) formalitajiet speċjali li jirrigwardaw il-kambju barrani;

(c) formalitajiet introdotti bis-saħħa ta' ftehim internazzjonali skont it-TFUE.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-miżuri jew formalitajiet li ser ikunu introdotti jew emendati skont l-ewwel subparagrafu.

Fil-każ ta' urġenza estrema, il-miżuri jew formalitajiet nazzjonali in kwistjoni għandhom ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni immedjatament kif isseħħ l-adozzjoni tagħhom.

Artikolu 18

Il-Kummissjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rapport annwali tagħha dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' difiża kummerċjali ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 22a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([1]).

Artikolu 19

1. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-operazzjonijiet tal-istrumenti li jistabilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli jew tal-Unjoni jew ta' dispozizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jkunu ġejjin minnhom jew tal-istrumenti speċifiċi adottati taħt l-Artikolu 352 tat-TFUE applikabbli għal merkanzija li tirriżulta mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli. Dan għandu jitħaddem b'mod kumplementari għal dawk l-istrumenti.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

▼B

2. Fil-każ ta' prodotti koperti mill-istrumenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 7 sa 12 u l-Artikolu 16 m'għandhomx japplikaw għal dawk li dwarhom ir-regoli tal-Unjoni dwar kummerċ ma' pajjiżi terzi jeħtieġu l-produzzjoni ta' liċenzja jew dokument ieħor ta' importazzjoni.

L-Artikoli 13, 15 u 16 m'għandhomx japplikaw għal dawk il-prodotti li dwarhom tali regoli jipprovdu għall-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet ta' importazzjonijiet kwantitattivi.

Artikolu 20

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21 dwar l-emendi tal-Anness I, sabiex jitneħħew mil-lista tal-pajjiżi terzi l-pajjiżi li jinsabu f'dan l-Anness meta dawn isiru membri tal-WTO.

Artikolu 21

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati tingħata lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 20 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn 20 ta' Frar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 20 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li huwa diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 20 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressal-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 22

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit bir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

([1]) Regolament (UE) 2015/478 tal-11 ta' Marzu 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16).

▼B

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Artikolu 23

Ir-Regolamenti (KE) Nru 427/2003 u (KE) Nru 625/2009 huma mħassra.

Referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 24

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak ta l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Lista ta' pajjiżi terzi

L-Ażerbajġan

Il-Belarus

▼M1 _____

▼B

Il-Korea ta' Fuq

It-Turkmenistan

L-Użbekistan

▼B

ANNESS II

UNJONI EWROPEA **DOKUMENT TA' SORVELJANZA**

1	1. **Destinatarju** *(isem, indirizz komplut, pajjiż, numru tal-VAT)*	2. **Numru tal-ħruġ**
Kopja tad-detentur		3. **Post propost u data tal-importazzjoni**
		4. **Awtorità responsabbli ghall-ħruġ**
	5. **Dikjarant/rappreżentant kif applikabbli** *(isem, indirizz komplut)*	6. **Pajjiż tal-oriġini** *(u kodiċi tal-ġeonomenklatura)*
		7. **Pajjiż tal-kunsinna** *(u kodiċi tal-ġeonomenklatura)*
		8. **L-aħħar ġurnata ta'validità**
1		

9. **Deskrizzjoni tal-merkanzija**	10. **Kodiċi NM u kategorija**
	11. **Kwantità f'kilogrammi (mhux massa) jew f'unitajiet addizzjonali**
	12. **Valuri f'euros, CIF fil-fruntiera tal-Unjoni**
13. **Kummenti addizzjonali**	
14. **Firma tal-awtorità kompetenti** Data: ..... Firma: ..... (Timbru)	

▼B

15. **ATTRIBUZZJONIJIET** Indika l-kwantità li hemm fil-parti 1 tal-kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-parti 2 tagħha.			
16. **Kwantità netta** (massa netta jew unità ta' qies b'indikazzjoni tal-unità)		19. **Dokument doganali** (formola u numru) **jew numru tal-estratt u data tal-attribuzzjoni**	20. **Isem, Stat Membru, timbru u firma tal-attribuzzjoni**
17. **F' figuri**	18. **Fi kliem għall-kwantità attribwita**		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Paġni tal-estensjoni li jridu jiġu mehmużin hawnhekk

▼B

UNJONI EWROPEA **DOKUMENT TA' SORVELJANZA**

2	1. **Destinatarju** *(isem, indirizz komplut, pajjiż, numru tal-VAT)*	2. **Numru tal-ħruġ**
Kopja ghal awtorità kompetenti		3. **Post propost u data tal-importazzjoni**
		4. **Awtorità responsabbli ghall-ħruġ**
	5. **Dikjarant/rappreżentant kif applikabbli** *(isem u indirizz komplut)*	6. **Pajjiz tal-oriġini** *(u kodiċi tal-ġeonomenklatura)*
		7. **Pajjiż ta' konsinna** *(u kodiċi tal-ġeonomenklatura)*
		8. **L-aħħar ġurnata ta'validità**
2		

	9. **Deskrizzjoni tal-merkanzija**	10. **Kodiċi NM u kategorija**
		11. **Kwantità f'kilogrammi (mhux massa) jew f'unitajiet addizzjonali**
		12. **Valuri f'euros, CIF fil-fruntiera tal-Unjoni**
	13. **Kummenti addizzjonali**	
	14. **Firma tal-awtorità kompetenti** Data: ..... Firma: ..... (Timbru)	

▼B

15. **ATTRIBUZZJONIJIET** Indika l-kwantità li hemm fil-parti 1 tal-kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-parti 2 tagħha.			
16. **Kwantità netta** (massa nett jew unità ta' qies b'indikazzjoni tal-unità)		19. **Dokument doganali** (formola u numru) **jew numru tal-estratt u data tal-attribuzzjoni**	20. **Isem, Stat Membru, timbru u firma tal-attribuzzjoni**
17. **F' figuri**	18. **Fi kliem għal kwantità attribwita**		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Paġni tal-estensjoni huma mehmużin hawnhekk

▼B

ANNESS III

Regolamenti imħassrin flimkien mal-emendi suċċessivi tagħhom

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 625/2009 (ĠU L 185, 17.7.2009, p. 1)	
Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 18, 21.1.2014, p. 1)	Il-punt 20 biss tal-Anness
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 427/2003 (ĠU L 65, 8.3.2003, p. 1)	
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1985/2003 (ĠU L 295, 13.11.2003, p. 43)	
Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 18, 21.1.2014, p. 1)	Il-punt 9 biss tal-Anness

▼B

ANNESS IV

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 625/2009	Regolament (KE) Nru 427/2003	Dan ir-Regolament
Artikolu 1		Artikolu 1
Artikolu 2		Artikolu 2
Artikolu 4		Artikolu 22
Artikolu 5		Artikolu 3
Artikolu 6		Artikolu 4
Artikolu 7		Artikolu 5
Artikolu 8		Artikolu 6
Artikolu 9(1)		Artikolu 7(1)
Artikolu 9(1a)		Artikolu 7(2)
Artikolu 9(2)		Artikolu 7(3)
Artikolu 10		Artikolu 8
Artikolu 11		Artikolu 9
Artikolu 12		Artikolu 10
Artikolu 13		Artikolu 11
Artikolu 14		Artikolu 12
Artikolu 15		Artikolu 13
Artikolu 16		Artikolu 14
Artikolu 17		Artikolu 15
Artikolu 18		Artikolu 16
Artikolu 19		Artikolu 17
Artikolu 19a		Artikolu 18
Artikolu 20		Artikolu 19
	Artikoli 1 sa 14	—
	Artikolu 14a	Artikolu 20
	Artikolu 14b	Artikolu 21
	Artikoli 15 sa 24	—
Artikolu 21		Artikolu 23
Artikolu 22		Artikolu 24
Annex I		Annex I
Annex II		Annex II
Annex III		Annex III
Annex IV		Annex IV
	Anness I	—
	Anness II	—